# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 52**

**Rikors numru 706/16/1 FDP**

**Avukat Peter Grima**

**v.**

**Andrew Cremona f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Emotion Imports Limited (C 54380)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur kif ukoll appell inċidentali ta' 'Emotion Imports Limited' (imsejħa wkoll bħala l-'kumpanija konvenuta') minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fis-26 ta' April 2022, u li hija dwar azzjoni redibitorja fuq bejgħ ta' vettura tat-tip 'Mini Cooper Park Lane';

2. B'rikors maħluf tas-17 ta' Awwissu 2016, l-attur spjega li f'Marzu tas-sena 2015 huwa xtara vettura tat-tip 'Mini Cooper Park Lane' mingħand l-intimati u dan għal prezz ta' €6,500 li ġie mħallas kollu mat-trasferiment tal-vettura. Jilmenta li l-vettura hija milquta minn difett konsistenti f'toqba fis-*'cylinder head'*, li kien jeżisti fil-mument li akkwista l-vettura, u li jeħtieġ spiża sostanzjali biex jiġi rranġat. Jgħid li minkejja li huwa talab lill-kumpanija intimata sabiex tirrexxindi l-kuntratt tal-bejgħ, din tal-aħħar m'għamlitx dan u minħabba f'hekk kellu jibda din il-kawża, kif ukoll li jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti. Fuq is-saħħa ta' dawn il-premessi, l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara li l-vettura konsenjata lill-attur, senjatament il-vettura Mini Cooper Park Lane bin-numru ta' reġistrazzjoni BCD 507 kienet kolpita b'difett moħbi, u li għal dan in-nuqqas huma responsabbli l-intimati peress li minħabba f'hekk ir-rikorrenti ma kienx jixtri l-vettura kieku kien jaf bl-istess difett u dana jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *2. Konsegwentement tordna li l-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura de quo jiġi rexiss;*
>
> *3. Tordna lill-intimati, in vista tal-obbligazzjonijiet rispettivi tagħhom, jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef u ħames mitt euro (€6,500), rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ tal-vettura mertu tal-kawża oltre l-imgħax legali fuq dik is-somma mid-data tal-bejgħ sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *4. Tiddikjara wkoll illi minħabba l-akkadut u partikolarment id-depożitu li qiegħed isir tal-vettura in kwistjoni taħt l-Awtorita' tal-Qorti r-rikorrenti sofra u ser ikompli jsofri danni ulterjuri konsistenti f'kiri ta' vettura simili għal użu tiegħu matul il-prosegwiment ta' din il-kawża;*
>
> *5. Tillikwida l-istess danni jekk hemm bżonn bl-opra ta' l-istess perit;*
>
> *6. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata;*
>
> *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' sekwestru kwatelatorju fl-ismijiet premessi, u kif ukoll taċ-ċedola ta' depożitu li qed issir kontestwalment*

*ma' din il-kawża, u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma min issa inġunti għas-subizzjoni tagħhom"*;

3. Bi tweġiba mressqa fis-26 ta' Settembru 2016, l-intimati laqgħu għat-talbiet tal-attur billi ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Preliminarjament, l-eċċepjent Andrew Cremona mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.*

*2. F'kull każ, u fil-mertu, l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal- Kodiċi Ċivili.*

*3. F'kull każ ukoll, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u ma jeżisti ebda difett moħbi fil-vettura mibjugħa lill-attur mis-soċjeta' eċċepjenti.*

*4. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suċċepit, l-eċċepjenti Emotion Imports Limited biegħet lill-attur il-vettura tat-tip Mini Cooper Park Lane in buona fede. Iż-żewġ eċċepjenti qatt ma kienu jafu u għadhom sallum ma jafux bl-eżistenza ta' dak li dwaru qed jilmenta l-attur, u l-attur ma jistax jitlob danni skond l-artikolu 1429 (2) tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. F'kull każ, u mingħajr preġudizzju, id-danni reklamati mill-attur huma danni ipotetiċi u mhux danni reali jew attwali, liema pretensjonijiet mhumiex riżarċibbli skond il-liġi.*

*6. F'kull każ ukoll u assolutament mingħajr preġudizzju, l-eċċepjenti akkwistaw il-vettura mingħand terzi persuni, liema terzi persuni għalhekk għandhom jiġu kjamati fil-kawża u jwieġbu huma għall-pretensjonijiet tal-attur.*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*;

4. Fit-trattazzjoni bil-fomm li saret waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2022, l-avukat tal-attur iddikjara li r-rikorrent ma kienx għadu qed jinsisti fuq ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet, li permezz tagħhom ir-rikorrent kien qed ifittex lill-intimati għad-danni - (ara fol 165). L-attur baqa' għalhekk jinsisti

biss fuq l-ewwel tlett talbiet, u ċjoè dawk dwar it-tħassir tal-bejgħ u r-radd lura tal-prezz tal-bejgħ;

5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' April, 2022, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ħelset lill-konvenut Andrew Cremona mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti billi ma qisitx l-azzjoni preskritta; (iii) laqgħet l-ewwel talba *"b'dan illi tiddikjara illi l-vettura kienet kolpita b'difett moħbi, li huwa rimedjabbli u li għalih hija responsabbli s-soċjeta' intimata Emotion Imports Limited";* (iv) ċaħdet il-bqija tat-talbiet l-oħra; u (v) ddeċidiet li l-partijiet għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-proċeduri f'sehem indaqs;

6. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u b'rikors t'appell li tressaq fis-26 ta' Mejju 2022, huwa argumenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ċaħdet it-talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt u r-radd lura tal-prezz imħallas, meta fl-istess waqt ikkonkludiet li l-vettura li wasslet għal din it-tilwima hija milquta minn difett moħbi. L-attur għalhekk talab lil din il-Qorti sabiex: *"filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lil Andrew Cremona, u fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati billi l-azzjoni m'hiex preskritta u fejn iddikjarat illi l-vettura kienet kolpita b'difett moħbi, u fejn ċaħdet ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet tar-rikorrenti, tħassar, tannulla, u*

*tirrevoka l-bqija tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 26 ta' April 2022 fl-ismijiet 'Avukat Peter Grima (ID 34988M) vs Andrew Cremona (ID 471885M) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Emotion Imports Limited (C 54380)', u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà konvenuta, issa appellata"*;

7. Bi tweġiba tat-28 ta' Ottubru 2022, il-kumpanija konvenuta '*Emotion Imports Limited',* filwaqt li spjegat għalfejn l-appell tal-attur kellu jiġi miċħud, ressqet ukoll appell inċidentali li fih argumentat li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-ewwel talba wara li waslet għall-konklużjoni li d-difett li bih hija milquta l-vettura tal-attur mhuwiex wieħed gravi. Minħabba f'hekk talbet lill-Qorti sabiex: *"tirriforma u tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta' April 2022 billi tiċħad l-ewwel talba tal-attur, u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur"*;

8. L-attur ma ressaq l-ebda tweġiba għall-appell inċidentali, u dan minkejja li mill-atti jirriżulta li ġie notifikat bl-istess fl-1 ta' Novembru, 2022;

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll wara li qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm il-

ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat***

10. Meqjus dak li qed jintalab fl-appell prinċipali tal-attur u fl-appell inċidentali tal-kumpanija konvenuta, din il-Qorti ser tibda billi l-ewwel tistħarreġ l-ilmenti li ġew imqajma fl-appell prinċipali tal-attur;

11. Fl-appell prinċipali, l-attur qiegħed jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn ċaħdet it-talba għar-rexxissjoni tal-bejgħ u r-radd lura tal-prezz imħallas. Jgħid li għalkemm il-Qorti qieset li l-vettura mertu tal-kawża hija tassew milquta b'difett moħbi; min-naħa l-oħra, dik il-Qorti ma qisitx dan id-difett bħala gravi biżżejjed biex iwassal għat-tħassir tal-bejgħ. Jissottometti li skont il-ġurisprudenza, l-kejl tal-gravità tad-difett huwa meqjus fuq żewġ kriterji, li huma: (i) dak oġġettiv, li jikkonsisti fil-fatt li l-ħaġa mixtrija ma tkunx tajba għall-użu li għalih inxtrat; u (ii) dak soġġettiv, u li jikkonsisti fil-fatt li kieku x-xerrej kien jaf b'dak id-difetti huwa jew ma kienx jixtri dak l-oġġett jew inkella kien jixtrih bi prezz anqas. Jirreferi għar-rapport tal-perit tekniku, u jgħid li biex id-difett li hemm fil-magna tal-vettura jiġi msewwi b'mod definittiv, dan kien ser jiswa daqs it-

terz tal-prezz li bih xtara l-vettura. Fid-dawl ta' dan, jistqarr li kieku kien jaf b'dan id-difett, huwa ma kienx jixtri l-vettura, u jsemmi li d-difett in kwistjoni huwa ta' natura tant sostanzjali li l-vettura ma setgħetx tkompli tintuża għaliex id-difett li bih hija milquta jolqot l-aspett tekniku tal-magna li hija fundamentali għall-użu tal-istess vettura. Jgħid li l-fatt li huwa uża l-vettura b'mod regolari u għal diversi xhur, kif ukoll il-fatt li d-difett seta' jiġi msewwi, ma kellhomx iwasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi li r-rimedju redibitorju ma kienx għadu disponibbli għalih. Jagħlaq imbagħad billi jissottometti li l-għażla dwar ir-rimedju, u ċjoè dik bejn l-azzjoni stimatorja u l-azzjoni redibitorja kienet f'idejh u mhux f'idejn l-Ewwel Qorti;

12. Min-naħa l-oħra, Emotion Imports Limited tirribatti li l-Ewwel Qorti qieset tajjeb li d-difett fil-vettura ma kienx wieħed 'serju' u 'gravi' biżżejjed li għandu jwassal għar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ. Tirreferi għar-rapport tal-perit tekniku u tgħid li dan sab li d-difett fil-vettura jista' jiġi eliminat billi jew jiġi mibdul is-*'cylinder head'* bi spiża globali ta' €2,766.30c, jew inkella bit-tiswija tas-*'cylinder head'* eżistenzi u dan bl-ispiża ta' €855.24c. Jgħid li fil-kors tat-trattattivi, ir-rappreżentant tagħha kien offra li jagħmel tajjeb għat-tiswija tas-*'cylinder head'* eżistenti, iżda l-attur kien irrifjuta. Tirreferi għall-ġurisprudenza dwar it-tifsira ta' 'difett' għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja u tinnota li meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tqis il-gravità tad-difett, din qieset diversi fatti li fi kliemha huma relevanti, u fosthom dawk li: (i) l-attur uża l-vettura għal 16-il xahar sħaħ mingħajr

problemi; (ii) d-difett ġie nnutat biss fit-tielet *service,* u fl-ewwel żewġ *services* ma kien instab xejn ħażin fil-vettura; (iii) li d-difett huwa 'faċilment riparabbli'; (iv) r-rappreżentant tal-konvenuta kien offra li jsewwi dan id-difett; u (v) l-vettura kellha aktar minn 9 snin u 88,000 mil meta nxtrat, filwaqt li meta saret il-kawża, din kellha 98,593 mil. Fuq is-saħħa ta' dan, targumenta li l-Ewwel Qorti qieset il-fatti tal-każ b'mod tajjeb u b'hekk id-deċiżjoni li tiċħad it-talba dwar ir-rexxissjoni tal-bejgħ hija korretta u jixirqilha li tiġi konfermata. Tagħlaq billi targumenta li jekk kellu jiġi mħassar il-bejgħ, hija qatt ma tista' terġa' tiġi mqiegħda lura fl-*istatus quo ante*, u dan għaliex illum il-ġurnata l-valur tal-vettura naqas drastikament kemm għaliex il-vettura ntużat mill-attur għal sittax-il xahar sħaħ b'mod regolari, kif ukoll għaliex s'issa diġà għaddew bejn wieħed u ieħor seba' snin minn meta sar il-bejgħ;

13. Ikkunsidrati l-argumenti taż-żewġ naħat, din il-Qorti tqis li, f'dan l-istadju, il-kontroversja ewlenija m'għadhiex dwar l-eżistenza tad-difett mistur fil-mument tal-bejgħ, iżda dwar jekk id-difett konstatat mill-perit tekniku huwiex ta' natura serja u ta' ċertu gravità li fuq is-saħħa tiegħu l-attur jista' jinvoka l-garanzija għad-difetti mistura u konsegwentement jitlob li jirritorna l-vettura u jingħata lura l-prezz li ħallas għal dik l-istess vettura;

14. Bħala daħla, din il-Qorti tibda biex taqbel mal-Ewwel Qorti li l-garanzija għad-difetti mistura ma tgħoddx għal kwalunkwe difett, iżda hija limitata biss għal dawk id-difetti li huma meqjusa gravi u serji. Ir-raġuni dwar dan ġiet imfissra mill-awtur **Francesco Ricci** li fil-ktieb '*Corso Teorico Prattico di Diritto Civile'*, jispjega hekk: *"Non qualisaisi vizio preesistente alla vendita dà diritto al compratore di rivolgersi in garantia contro il venditore imperocchè, nessuna cosa mondana essendo perfetta, nulla vi ha al mondo in cui non possa trovarsi un qualche difetto; onde se il venditore fosse tenuto a rispondere di qualsiasi vizio, non vi sarebbe alcuna vendita che non desse luogo all'azione in garantia. Il difetto, adunque, per il quale l'azione in garantia può esercitarsi, deve presentare una qualche gravità, deve, ċjoè, essere tale che esca fuori dalla cerchia dei difetti ordinari che in tutte le cose si rivengono."*;[1]

15. F'dan il-kuntest, huwa wkoll ta' relevanza dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet tal-***Avukat Dottor Anton Felice et. v. Aplan Limited**,* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005, fejn hemmhekk dik il-Qorti osservat li: *"Skont interpretazzjoni li tidher pjuttost paċifika l-miżura tal-gravità hi determinata minn żewġ kriterji: dak objettiv konsistenti fl-assoluta inettitudini tal-ħaġa li sservi għall-użu li għalih hi destinata jew fis-sempliċi diminuzzjoni ta' dak l-użu; l-ieħor subbjettiv konsistenti mill-intenzjoni personali tax-xerrej li, kieku kien jaf bil-vizzju, jew ma kienx ikun*

[1] Francesco Ricci, 'Corso Teorico Prattico di Diritto Civile', paġ. 336.

*dispost li jixtri l-oġġett jew, jekk dispost, ma kienx iżda joffri l-prezz pattwit. Ara Kollez. Vol. XXIV P I p 981; Vol. XXVII P III p 454 u Vol. XLIII P I p 545".*[2] Tali prinċipji ġew imtennija f'għadd ta' sentenzi ohra fosthom dawk fl-ismijiet ta' ***Emanuel Fava v. Prof John Mamo LL.D. noe. et,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003;[3] ***Helen Micallef v. Godfrey Debattista,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru 2005;[4] ***Charles Gravina v. Adrian Muscat pro et. noe.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2013;[5] u dik fl-ismijiet ta' ***Domenic Micallef et. v. Mizzi Brothers Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011.[6] B'mod partikolari, f'din is-sentenza tal-aħħar ġie wkoll osservat li: *"huwa redibitorju dak id-difett li jolqot* ***b'mod relevanti*** *jew il-mod kif il-ħaġa mixtrija taħdem jew taqdi, jew il-prezz tagħha"*;[7]

16. Applikati dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, l-aggravju tal-attur huwa siewi u l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li *'l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tal-azzjoni redhibitorja'* ma jeżistux;

---

[2] App. Ċiv. Nru. 709/2000/1PS.
[3] Ċit. Nru. 1023/1994/1PS, (mhux appellata).
[4] Ċit. Nru. 491/1997/1JRM, (mhux appellata).
[5] Ċit. Nru. 759/2011JZM, (mhux appellata).
[6] Ċit. Nru. 1244/1997/1JRM, (mhux appellata).
[7] Id.

17. Mill-provi jirriżulta li parti mis-*cylinder head* tal-magna tal-vettura huwa affettwat minn difett, li eventwalment wassal sabiex it-*thermostat housing* ma jibqax jissiġilla tajjeb mal-wiċċ tas-*cylinder head,* u b'hekk beda jnixxi l-ilma tal-magna (*liquid coolant*) minn hemmhekk. Skont il-perit tekniku, dan id-difett ma kienx *"normal or a natural process of corrosion"*[8] u kkonferma li dik l-għamla ta' ħsara fis-*cylinder head* ma setgħetx tfeġġ wara li l-attur xtara l-karozza.[9] Bl-istess mod, fl-affidavit tiegħu, il-mekkanik tal-attur ukoll ikkonferma li *"din il-problema fis-cylinder head kienet bla dubju ta' xejn ilha teżisti għal tul ta' żmien għaliex il-problema meta sibtha jien kienet laħqet kibret sostanzjalment"*;[10]

18. Fil-fehma tal-Qorti, id-difett li hemm fis-*cylinder head* tal-magna li qed iwassal biex inixxi l-ilma minn bejn il-wiċċ tal-istess *cylinder head* u t-*thermostat housing* tal-magna mhijiex ta' natura minuri u insinjifikanti. F'*e-mail* tal-11 ta' Lulju 2016, il-mekkanik Devid Deguara spjega lill-attur li minkejja li t-*thermostat housing* il-ġdid ġie ssiġillat b'*sealer* biex itaffi l-problema, l-ilma tal-magna baqa' jnixxi xorta waħda, u biex titranġa l-problema jeħtieġ li jinqala' s-*cylinder head* minn mal-magna u jiġi mibdul jew imsewwi skont il-kundizzjoni li jkun jinsab fih.[11] Tali konstatazzjoni hija identika għal dik tal-perit tekniku li fir-relazzjoni tiegħu wasal għall-

---

[8] Ara eskussjoni tal-perit tekniku, fol. 114.
[9] Id. Fol. 116.
[10] Ara wkoll l-affidavit Matthew Vella, 'Dok CG2', fol. 28.
[11] 'Dok B', fol 12.

istess konklużjoni li kien hemm il-ħtieġa li s-*cylinder head* jinqala' barra u jew jiġi msewwi jew inkella mibdul b'wieħed ġdid;[12]

19. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur għandu raġun meta jargumenta li ħsara ta' dan it-tip fis-*cylinder head* hija fiha nnifisha serja u gravi, (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Christopher Sarè et. v. Regina Auto Dealer Ltd.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-13 ta' Ġunju 2007, li inċidentalment hija wkoll dwar ħsara fis-*cylinder head* ta' magna),[13] u l-fatt li tali difett jista' jiġi msewwi ma jnaqqas xejn mis-serjetà u l-gravità tad-difett li l-vettura in mertu hija milquta bih. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Joseph Ellul et. v. Noel Gauci****,* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Novembru 2005;[14] ***Mario Farrugia v. J.J. Scerri Co. Ltd****,* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-14 ta' Marzu 2007,[15] ***Technobroadcast SRL v. Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2010;[16] u ***Carmelo Abdilla v. Auto Sales Limited***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Marzu 2014[17]);

20. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-fatt innifsu li fid-data tal-akkwist il-vettura kienet diġà ilha disa' snin barra u kellha madwar 88,000 mil,

[12] Fol 58.
[13] App. Ċiv. Nru. 577/2002/1PS.
[14] App. Ċiv. Nru. 1144/2004/1PS.
[15] App. Ċiv. Nru. 18/2006PS.
[16] Ċit. Nru. 103/2007RCP (mhux appellata).
[17] Ċit. Nru. 101/2011MCH (mhux appellata).

lanqas ma kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi li l-ħsara li biha hija milquta l-vettura mhijiex ta' natura serja u gravi. L-Artikoli 1424 u 1426 tal-Kodiċi Ċivili ma jagħmlu l-ebda distinzjoni bejn ix-xiri ta' oġġetti ġodda u dawk użati, u minn kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Victor Anastasi et. v. Nicholas Parnis England et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-28 ta' Marzu 2007, fil-bejgħ ta' oġġetti wżati, *"l-impenn tal-venditur fir-rigward tad-difetti okkulti jibqa' veljanti"*;[18]

21. Din il-Qorti tqis ukoll li, f'kull każ, l-Ewwel Qorti kellha tagħti aktar piż lill-fatt li l-attur qiegħed fl-aħħar mill-aħħar issejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-premessa li huwa ma kienx ser jixtri l-vettura li kieku kien jaf bid-difett li kellha fis-*cylinder head.* Dwar dan, il-ġurista **Francesco Ricci** jgħid li f'azzjoni ta' din ix-xorta, *"il giudice deve non solo tener conto delle condizioni della cosa venduta, ma anche delle intenzioni delle parti e delle circostanzi in cui il contratto si è fatto, per decidere, se, data nel compratore la scienza del vizio che rende meno atta la cosa all' uso cui è destinata, esso ne avesse fatto, oppur no, l'aqusito, ovvero avesse offerto un prezzo minore, oppure lo stess prezzo per il quale si contrattò".*[19] F'każ bħal dan, dak li trid tagħmel il-Qorti huwa għalhekk li tqis jekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, huwiex verosimili li l-attur ma kienx ser jixtri l-karozza li kieku kien jaf li hija milquta b'din il-problema

[18] App. Ċiv. Nru. 136/2004/1PS.
[19] Francesco Ricci, 'Corso Teorico Prattico di Diritto Civile', paġ. 336-337.

fis-*cylinder head*. Din il-Qorti diġà sabet li fiċ-ċirkostanzi, il-ħsara li biha hija milquta s-*cylinder head* ma tistax tiġi meqjusa bħala trivjali jew ta' natura ordinarja, u b'hekk din il-Qorti ma tarax li tista' tlum lill-attur li ma kienx ser jixtri l-karozza li kieku kien jaf bil-problema li hemm fis-*cylinder head*;

22. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-attur dam juża l-vettura għal diversi xhur minn meta xtraha u dan mingħajr l-ebda problemi, lanqas ma jnaqqas xejn mill-obbligu tal-bejjiegħ li jagħmel tajjeb għad-difetti mistura. Mill-assjem tal-provi, jirriżulta ppruvat li d-difett tat-tnixxija tal-ilma tal-magna minn bejn is-*cylinder head* u t-*thermostat housing,* li nstab għall-ewwel darba f'Ġunju tas-sena 2016 mill-mekkanik Matthew Vella, kien frott id-difett pre-eżistenti li kien hemm fis-*cylinder head* tal-vettura u dan fiż-żmien ta' meta ġiet mibjugħa mill-kumpanija konvenuta. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***David Grech v. Roger Debono*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru 2009,[20] il-garanzija għad-difetti mistura tgħodd ukoll għad-*"difett li jinsorġi wara dak il-bejgħ purkè derivanti minn kawża pre-eżistenti",* u minħabba f'hekk l-attur m'għandux jitlef id-drittijiet statutorji tiegħu sempliċiment għaliex id-difett deher wara ċertu żmien u mhux fi żmien qasir. Wara kollox, huwa minħabba f'hekk li fl-Artikolu 1431(2) tal-Kodiċi Ċivili nsibu li ż-żmien ta' sitt xhur li huwa

[20] App. Ċiv. Nru. 528/2005/1PS.

msemmi fl-Artikolu 1431(1) ma jibdiex jgħaddi ħlief minn dakinhar li x-xerrej seta' jikxef id-difett, u mhux mid-data tal-bejgħ;

23. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet din il-Qorti lanqas ma tista' b'xi mod jew ieħor taqbel mal-argument tal-kumpanija konvenuta li l-Qorti m'għandhiex tordna t-tħassir tal-bejgħ għar-raġuni li llum il-ġurnata għaddew kważi seba' snin minn meta nxtrat il-vettura u b'hekk hija ma tistax terġa' tmur lura għall-*istatus quo ante* għaliex il-valur tal-karozza naqas b'mod drastiku. Fil-fehma tal-Qorti, il-kumpanija konvenuta ma tistax tinqeda bin-nuqqasijiet tagħha biex tippreġudika d-drittijiet mogħtija bil-liġi lill-attur fil-vesti tiegħu bħala xerrej. Ġaladarba kienet l-għażla ħielsa tagħha li ma taċċettax il-vettura lura u dan meta rriżulta li l-vettura kienet tassew milquta minn difett mistur li mhuwiex ta' natura ordinarja, allura issa jkollha tbati l-konsegwenzi;

24. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti taqbel ukoll mal-attur li għażla dwar ir-rimedju bejn l-azzjoni stimatorja u l-azzjoni redibitorja, kienet esklussivament f'idejh. Osservazzjoni interessanti dwar din l-għażla ġiet magħmula mill-awtur **Pacifici Mazzoni** li jgħid hekk: *"A primo aspetto puo' sembrare ingiustificabile la concessione di questo diritto di scelta: e che fosse più ragionevole di concedere al compratore la sola redibitoria nel caso in cui il vizio o il difetto sia di tale entità, che, se l'avesse conosciuto, non avrebbe comprato la cosa che n'è infetta; e la sola quanti*

*minoris nel caso che nonostante il vizio l'avrebbe comprata, ma per un prezzo minore; e tale era in fatti la teoria romana. Nel diritto moderno invece è prevalsa l'idea che il solo compratore può essere giudice, se non ostante il vizio o difetto che rende la cosa non atta all' uso cui è destinata, o ne diminuisce l'uso medesimo, l'avrebbe comprata, o avrebbe offerto un prezzo minore. Egli solo puo' decidere quale dei due partiti gli convegna meglio...".*[21] Id-dritt tax-xerrej li jagħżel b'mod ħieles bejn l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja ġie wkoll imtenni f'bosta sentenzi tal-Qrati lokali fosthom dawk fl-ismijiet ta' ***David Debono et. v. Carmelo Cutjar et.***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2001;[22] ***Christopher Sarè et v. Regina Auto Dealer et.***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-13 ta Ġunju 2007;[23] ***David Grech v. Roger Debono*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23 ta' Ottubru 2009;[24] u ***Charles Gravina v. Adrian Muscat pro. et. noe.***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2013;[25]

25. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti qegħda għalhekk taqbel mal-appell prinċipali tal-attur u tqis li l-Ewwel Qorti ma messhiex waslet għall-konklużjoni li *"l-estremi biex tintlaqa' t-talba għall-azzjoni redhibitorja u konsegwenti rexissjoni tal-bejgħ ma jeżistux"*;

---

[21] Emidio Pacifici Mazzoni, 'Codice Civile Italiano, Vol XII - Trattato della Vendita', – Parte I, Tit.II. Cap.II. Sez.II, paġ. 496 u 497.
[22] Ċit. Nru 528/94NA – (mhux appellata).
[23] App. Ċiv. 577/2002/1PS.
[24] App. Ċiv. 528/2005/1PS.
[25] Ċit. Nru. 759/2011JZM – (mhux appellata).

26. Ġaladarba din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu l-elementi kollha biex tirnexxi l-azzjoni redibitorja, allura din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' l-**appell inċidentali** tal-kumpanija konvenuta li huwa msejjes fuq il-premessa li d-difett li bih hija milquta l-vettura tal-attur mhuwiex wieħed serju u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' lanqas l-ewwel talba tal-attur. L-appell inċidentali qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

27. Il-Qorti tagħlaq biex tgħid li għalkemm qed tilqa' l-appell prinċipali tal-attur, din il-Qorti ma taqbilx li l-interessi fuq is-somma ta' €6,500 għandhom jibdew jgħaddu mid-data tal-bejgħ, u dan skont kif ġie mitlub mill-attur fit-tielet talba tar-rikors maħluf. Kif deċiż fis-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Charles Gravina v. Adrian Muscat pro. et. noe.***[26] u ***Carmelo Abdilla v. Auto Sales Limited***,[27] mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2013 u fl-10 ta' April 2014 rispettivament, f'każ bħal dan, l-interessi għandhom jgħaddu biss mid-data li fiha l-kumpanija konvenuta ġiet interpellata biex taċċetta lura l-karrozza u tirrifondi s-somma ta' €6,500 li ġiet imħallsa bħala prezz fuq il-karozza. Ġaladarba li mill-atti ma jirriżultax li l-attur interpella lill-kumpanija konvenuta b'xi att ġudizzjarju u dan qabel ma' ġiet mibdija din il-kawża, din il-Qorti sejra għalhekk tqis li l-imgħax għandu jibda jgħaddi mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf;

[26] Id.
[27] Ċit. Nru. 101/2011MCH – (mhux appellata).

28. Fl-aħħarnett, din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-attur safejn qed jitlob li l-kumpanija konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha *"taż-żewġ istanzi".* Fir-rikors tal-appell, l-attur stess qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti safejn ħelset lill-konvenut Andrew Cremona mill-ħarsien tal-ġudizzju. Il-kumpanija konvenuta ma taħti xejn għall-fatt li Andrew Cremona ġie mżeffen fin-nofs f'dawn il-proċeduri għal xejn b'xejn, u minħabba f'hekk l-ispejjeż kollha ta' Andrew Cremona għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur u mhux Emotion Imports Limited;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell inċidentali filwaqt li tilqa' l-appell prinċipali sakemm kompatibbli ma' din is-sentenza, u b'hekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) Tilqa' t-tieni talba tal-attur;

(ii) Tilqa' limitatament t-tielet talba tal-attur u dan billi tordna lill-konvenuta Emotion Imports Limited sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500), rappreżentanti l-prezz tal-bejgħ tal-vettura mertu tal-kawża, u dan bl-imgħax

legali fuq din is-somma mis-6 ta' Settembru 2016 u dan sad-data tal-pagament effettiv;

(iii) Tiċħad it-tielet u s-sitt eċċezzjoni tal-kumpanija konvenuta;

(iv) Tordna lil Emotion Imports Limited sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ġudizzjarji kollha tal-appell prinċipali, tal-appell inċidentali, u dawk l-ispejjeż ġudizzjarji kollha li ġew mitluba mill-attur fir-rikors maħluf, għajr dawk ta' Andrew Cremona li għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur stess;

Mill-bqija, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti sakemm kompatibbli ma' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr